MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2014

Numru 306/2014

**SPETTUR CARLOS CORDINA**

**VS**

**CHARLES MANGION**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Charles Mangion ta’ 38 sena, bin Gorg u Doris nee’ Portelli, mwieled Bormla fit-30 ta’ Ottubru 1975, residenti St Mary, Carmel Street, Fgura u detentur tal-Karta tal- Identita’ bin- numru 25276M;

Talli;

1) Mill- fond Transfreight 322/4, Triq Zabbar, Paola, bejn il- lejl it- 23 u l- 24 ta’ Gunju 2003 f’ hin mhux maghruf ikkommetta serq ta’ kaxxa alkohol tal- marka Bells u ukoll serq ta’ flus kontanti liema serq jeecedi l- ammont ta’ 232.94 ewro u ghalhekk ikkwalifikat bil- valur, hin, u mezz u li sar ghad- dannu ta’ kumpanija Transfreight u/jwe terzi persuni ohra;

2) Aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostnazi laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa mehuda b’ qerq jew akkwistati b’ reat jew b’ kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jwe imexxihom;

3) Aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobblie jew immobbli liema hsara teccedi 116.47 ewro ghad- dannu tal- kumpanija Transfreight u/jew terzi persuni orha;

4) Talli fl- istess zminijiet u cirkostanzi rrenda ruhu recidiv ai terminu tal- Artikoli 49, 50 u 289 tal- Kap tal- Ligijiet ta’ Malta;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li gie mwissi bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi li kienet ser iggib maghha dik l-istess ammissjoni;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

Rat illi r-reat kien jirrisali ghal madwar hdax-il sena ilu, u ghalhekk intalab li jithejja "pre-sentencing report" dwar l-imputat ai termini tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 261(b)(c), 263(A), 267, 270, 334 u 325(b), 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati, u ghaldaqstant tordna li l-imputat jitqieghed taht ordni ta' probation ghal tlitt snin, ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------